Ġunju 2015 • Vol 22 • Nru. 2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



Fil-Paġni ta' ġewwa

- Il-Parlament il-Ġdid
- Programm Jum il-Pulizija
- SM 527 Paul Cassar jirbaħ 'Inizjattiva IDEA'
- Minn dak li nirċievu

u aktar...

*Newspaper Post*

INTENIONALLY
LEFT BLANK




Ritratt: Sezzjoni Fotografija - CMRU

Ġunju 2015 • Vol 22 • Nru. 2

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

7



15



32



49



5. Editorjal

7. Dan l-aħħar...

12. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

15. Impenji Differenti - Il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa

19. Anniversarju tal-Mitejn u Sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

21. Niltaqgħu ma' RPC 3101... għandu l-ikbar kollezzjoni ta' vetturi tat-tifi tan-nar f'Malta

25. Mal-Passi tal-Korp

27. Ir-rabja...

31. Paġna għat-Tfal

32. Il-Korp tal-Pulizija responsabbli mis-sigurtà tal-binja l-ġdida tal-Parlament

34 Minn dak li nirċievu

37. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

38. Meta l-Pulizija tiġri wara l-Kriminali

40. SM 527 Paul Cassar jirbaħ 'Inizjattiva Idea'

43. 'Malta Police Association' storja ta' 60 sena.

49. Ħarsa lejn l-Attivitajiet Sportivi

53. Apprezzament mhux tas-soltu

54. Eloi', Eloi, lema sabaqtani! Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni

57. International Police Association - Malta Section

58. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju

IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Assistent Kummissarju Mario Spiteri
Editur: Spettur Graziella Buhagiar Muscat
Membri: Supt Antonello Grech
WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

UNION PRESS - MARSA

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Editorjal



Fil-paġna sportiva ta' din l-edizzjoni ser naraw dwar it-*thug of war* li ntrebħet mill-pulizija fl-okkażjoni tal-ġurnata sportiva bejn il-korpi dixxiplinati, f'San Alwiġi. Dawk li kienu preżenti dakinhar jistgħu jixhdu s-suċċess li jġib miegħu xogħol ta` unità u tim. Għalkemm il-pulizija ma tħarrġux għal din il-kompetizzjoni, xorta waħda kisbu suċċess. Fis-sezzjoni ddedikata għall-isport ser naraw ukoll dwar is-suċċess li dejjem jikber tal-atleta u membru tal-Korp, Andrew Grech.

Rebħa oħra minn uffiċjal tal-Pulizija hi dik tas-Surġent-Maġġur Pawlu Cassar li hu stazzjonat il-*Lockup*. Hu ser jispjegalna dwar kompetizzjoni mhux tas-soltu li fiha ħa l-ewwel post.

Żgur li ma stajniex inħallu barra l-ftuħ tal-Parlament il-ġdid, li għalina l-pulizija kien ikkaratterizzat mill-fatt li ġiet fdata f'idejna s-sigurtà ta` dan il-Parlament, li għandu jkun ta` unur għal kull membru tal-Korp tal-Pulizija.

Fl-aħħar nixtieq nagħlaq bl-attività żgħira f'Jum il-Mara, fejn grupp ta` nisa (fosthom is-sottoskritta), minn kull forza tal-ordni ltaqgħu mal-Ministru Carmelo Abela u ngħataw bukkett fjuri. Ġest li juri l-apprezzament lejn lir-rwol tal-mara, f'ambjent tax-xogħol ikkaratterizzat fil-maġġor parti tiegħu mill-irġiel, u lejn id-diffikultajiet kollha li dan l-ambjent iġorr miegħu għall-pulizija nisa.

INTENIONALLY LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia
u PC 256 Kurt Bugeja Coster - CMRU

Nhar is-7 ta' Marzu 2015, proprju għall-okkażjoni ta' Jum il-Mara, l-Onorevoli Ministru s-Sur Carmelo Abela, flimkien mas-Sinjura Abela, iltaqgħu ma' grupp ta' nisa li jaħdmu f'Korpi Dixxiplinati fosthom il-Pulizija, is-Suldati, voluntiera fi ħdan il-Protezzjoni Ċivili kif ukoll mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.



L-avveniment sar fil-lokalità taż-Żejtun, fejn bejn kelma u oħra li qal ma' dawn in-nisa, il-Ministru qassmilhom bukkett fjuri kull wieħed.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, il-Ministru semma' n-numru ta' nisa li jaħdmu f'dawn il-Korpi, fejn l-ikbar numru jinsab fil-Korp tal-Pulizija. Hu qal ukoll li japprezza ħafna x-xogħol tagħna kif ukoll li r-rwol tal-mara fix-xogħol hu importanti.



Fl-aħħar spiċċa biex awgura Jum il-Mara mill-isbaħ kemm lill-mara tiegħu, li kif diġà għedna kienet preżenti, kif ukoll lil dawk li attendew sabiex jilqħu dan il-ġest ferm apprezzat u lin-nisa kollha.




Feature

F'din il-ħarġa ħa nsibu artiklu miktub mis-Surġent-Maġġur Joseph Borg rigward il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li titella' ġewwa l-Kwartieri Ġenerali. L-artiklu mis-Surġent-Maġġur Borg jittratta fuq l-istorja ta' din il-wirja matul is-snin. Għalhekk jien ħassejt li xorta għandi nsemmieha bħala waħda mill-attivitajiet li kellna dan l-aħħar ġewwa l-Kwartieri tagħna.

Din is-sena l-wirja tal-mejda tal-Appostli ġiet inawgurata nhar id-Duluri mill-Onorevoli Ministru s-Sur Carmelo Abela flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Michael Cassar.

Tajjeb li wieħed isemmi li din is-sena kien hemm pulizija mara li wkoll bħal kollegi l-oħra tagħna għandha d-delizzju li taħdem bil-melħ. Bħal dejjem l-attendenza tan-nies kienet waħda numeruża u kienu bosta dawk li faħħru x-xogħol u ddedikazzjoni li raw f'din il-wirja.







INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

Mija, tnejn u ħamsin uffiċjal tal-pulizija kienu rikonoxxuti tas-servizz twil u effiċjenti tagħhom f'ċerimonja preseduta mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Carmelo Abela u l-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar, nhar it-13 ta' Mejju, 2015, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Mija u sbatax minn dawn l-uffiċjali ngħataw il-Medalja ta' Servizz Twil u Effiċjenti, li jikkommemora tmintax-il sena ta' servizz. Tmienja u għoxrin uffiċjal irċievu dik li tissejjaħ il-*First Clasp* u sebgħa s-*Second Clasp*, li jirrikonoxxu ħamsa u għoxrin u tletin sena ta' servizz rispettivament. Ħamsa u għoxrin minn dawn huma nisa filwaqt li għall-ewwel darba, tmintax-il uffiċjal irtirat rċievew ukoll dawn id-dekorazzjonijiet.

Fil-ftuħ taċ-ċerimonja, il-Kummissarju Cassar irrimarka li din kienet ġurnata importanti għall-dawk preżenti għaliex dawn ir-rikonoxximenti prestiġjużi huma xhieda ta' kontribut siewi, kemm lejn il-Korp tal-Pulizija kif ukoll lejn ir-Repubblika ta' Malta.

Liebes l-istess medalja biż-żewġ *clasps*, hu qal li għalhekk hu kburi b'dawn id-dekorazzjonijiet, kif għandu jkun ħaddieħor.

Fid-diskors tiegħu, il-Ministru Abela rrimarka wkoll illi dawn ir-rikonoxximenti jirrappreżentaw il-ħafna xogħol li għamlu dawk preżenti u d-dedikazzjoni li wrew.

magazine.police@gov.mt









# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija






















INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Impenji Differenti - Il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa

minn SM 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Dik li issa saret tradizzjoni, il-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija tmur lura meta tat il-bidu tagħha fl-1992 fi żmien il-Kummissarju Alfred Calleja. L-ewwel esibizzjoni kienet saret fis-sala fejn illum insibu l-Mużew tal-Pulizija minn PS Simon Galea (illum Supretendent) u PC Pierre Bugeja. Dak inhar, il-wirja kienet tikkonsisti mill-mejda tradizzjonali Lhudija jew tal-appostli. Sett ta' statwi maħdumin mill-istess Bugeja żdiedu s-sena ta' wara fl-istess sala. Kienu bdew jagħtu daqqa t'id ukoll fix-xogħol ta' din il-wirja l-Ispettur Raymond Vella Gregory (illum Supretendent), li baqa' sal-lum il-ġurnata nvolut u jagħti s-sehem tiegħu f'din il-wirja u attivitajiet oħra simili, u miegħu dak iż-żmien, l-Ispettur Joseph Valletta, PS Mario Ebejer u Eugenio Caruana.



Bħala artisti u artiġjana imbagħad rajna wkoll aktar 'il quddiem is-sehem ta' PC Mario Muscat u Daniel Scerri, il-membri attwali li għal dawn l-aħħar snin ħadu ħsieb li tittella' l-wirja. Kien hemm ukoll ċertu John Camoin mill-Belt Valletta, li għal xi żmien ikkontribwixxa f'din il-wirja. Għall-ewwel darba u proprju din is-sena, rajna l-involviment tal-pulizija żagħżugħa, WPC Isabelle Cutajar.



Mis-sena 1994 'l hawn, din il-wirja baqgħet tittella' kull sena b'ċerta novità u artistrija fis-sala Vilhena, minħabba li s-sala li fiha kienet bdiet tittella' din il-wirja; f'dik l-istess sena bdiet timmaterjalizza l-idea dwar il-Mużew tal-Pulizija.

Mis-sena 2000 'l hawn bdew jinħadmu l-kwadri l-kbar bil-melħ. Interessanti wieħed isemmi li fis-sena 2007, sitt kwadri minn dawn ittieħdu b'ċerta delikatezza permezz ta' vettura apposta minn *Heritage Malta* sabiex ikomplu jiġu murija għal aktar żmien f'sala fil-Mużew tal-Inkwiżizzjoni fil-Birgu.







Permezz ta' dawn il-wirjiet, il-pubbliku jkollu l-okkażjoni wkoll sabiex iżur dawn l-esibizzjonijiet, kapulavur artistiku minn membri tal-korp.

Apparti l-qawwa fl-idjoma, murija tajjeb matul il-wirja, hemm aspett ieħor ta' dawn il-membri, l-aspett soċjo-kulturali u reliġjuz li b'impenn jikkommettu rwieħhom sabiex jagħtu servizz ieħor staġonali li jmur 'l hinn mill-kwadru ta' servizz proprju mistenni minnhom.

Minn sena għall-oħra, din il-wirja, baqgħet tikber u tiżdied, sa ma waslet biex illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li laħqet tassew l-ogħla livell. Mudelli b'vestwarju Lhudi u Ruman; simboli u artifatti oħra li jfakkruna fi ġrajjiet drammatiċi mit-Testment il-Qadim, fosthom l-Eżodu tal-Lhud mill-Eġittu, b'kuntrasti idjomatiċi oħra mit-Testment il-Ġdid; il-ġrajja tal-pjan tas-Salvazzjoni fil-milja tagħha, li twassal għall-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

joseph.q.borg@gov.mt



INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Anniversarju tal-Mitejn u Sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

**L-Erbgħa l-1 ta' Lulju u l-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2015**
7.30pm – 9.30pm Vilhena Hall
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
Riċeviment għall-membri tal-Korp u Pensjonanti.

**Is-Sibt 4 ta' Lulju 2015 - *Open Day***
9.00am – 1.00pm u 4.00pm – 10pm
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.
Ftuħ tax-xelter u l-Mużew tal-Pulizija .
Wirja ta' ritratti dwar ħidmet
il-Pulizija Garaxx tal-Pulizija.
Wirja ta' vetturi tal-Pulizija.
Wirja ta' *pets* u tberik tal-annimali.
Wirja mis-Sezzjoni tal-Klieb.
Preżenti żwiemel u muturi tal-Pulizija
biex jintrikbu mit-tfal.

**Il-Ħadd 5 ta' Lulju 2015**
9.00am
Quddiesa fil-Kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Marija
Addolorata segwita minn servizz fuq l-oqbra
tal-Pulizija u tqegħid ta' kuruni.

**It-Tnejn 6 ta' Lulju 2015**
8.30pm Ħaz-Zabbar
Marċ matul Triq is-Santwarju u Kunċert mużikali
mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija.
Wirja mill-*Precision Drill Team*
u mis-Sezzjoni tal-Klieb.
Żwiemel u muturi tal-Pulizija ser jkunu preżenti
biex jintrikbu mit-tfal.

**L-Erbgħa 8 ta' Lulju 2015**
8.30pm Marsaskala
Marċ matul Triq ix-Xatt u Kunċert mużikali mill-Banda
tal-Korp tal-Pulizija fi Pjazza Mifsud Bonnici
Wirja mill-*Precision Drill Team*
u mis-Sezzjoni tal-Klieb.
Żwiemel u muturi tal-Pulizija ser jkunu preżenti
biex jintrikbu mit-tfal.

**Il-Ħamis 9 ta' Lulju 2015**
8.30pm Ta' Sliema
Kunċert mużikali mill-Banda tal-Korp
tal-Pulizija fi Triq it-Torri.

**Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 2015**
Ċelebrazzjoni ta' Jum il-Pulizija
9.00am
Quddiesa solenni ġewwa l-Kon Katidral
ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.
10.00am
Gwardja tal-Unur, *Defile* ` mill-passat għall-preżent,
wirja mit-taqsima tal-Kavallerija, tal-Klieb, tat-traffik,
*Precision Drill Team*, Banda tal-korp tal-pulizija,
*March Past u Review order* u daqq tal-innu Malti.
8.00pm
Riċeviment fil-Barrakka ta' Fuq .

**Is-Sibt 11 ta' Lulju 2015**
8.30pm Buġibba
Marċ matul Islet Promenade
u Kunċert mużikali mill-Banda
tal-Korp tal-Pulizija f'Misraħ il-Bajja.
Wirja mill-*Precision Drill Team* .
u mis-Sezzjoni tal-Klieb.
Żwiemel u muturi tal-Pulizija
ser jkunu preżenti biex jintrikbu mit-tfal.

**It-Tlieta 14 ta' Lulju 2015**
6.30pm Għawdex
Quddies fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija
segwita minn servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija.
8.00pm Marsalforn
Marċ matul Triq Mikielang Refalo
u Kunċert muzikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija.
Wirja mill-*Precision Drill Team*
u mis-Sezzjoni tal-KliebŻwiemel u muturi
tal-Pulizija ser jkunu preżenti biex jintrikbu mit-tfal.
Riċeviment.

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Niltaqgħu ma' RPC 3101

## ... għandu l-ikbar kollezzjoni ta' vetturi tat-tifi tan-nar f'Malta

minn WPS 96 Rodianne Bartolo - CMRU

Filwaqt li konna fil-proċess li nżidu xi artikli ġodda f'dan il-magażin, ġejt infurmata minn RPC 3101, Anthony Busuttil li għandu kollezzjoni ta' vetturi tat-tifi tan-nar u li kien lest jagħtina intervista dwarha.



Mill-ftit riċerka li għamilt, sirt naf li mhux biss għandu kollezzjoni mdaqq-sa, iżda għandu r-rekord tal-ikbar kollezzjoni ta' vetturi tat-tifi tan-nar f'Malta, b'ċertifikat maħruġ mill-*Malta Records* f'2014.



Anthony laqagħna fid-dar tiegħu, f'kamra dedikata apposta għad-delizzju tiegħu. Naturalment l-ewwel ħaġa li staqsejtu kienet minn fejn ġie dan l-interess fil-vetturi tat-tifi tan-nar, fejn hu spjegalna li missieru kien membru tal-Korp tal-Pulizija, fi żmien meta s-sezzjoni tat-tifi tan-nar, kienet tagħmel parti mill-istess Korp. Kien minn hemm li jaħseb li nibtet din il-ħajra għal din is-sezzjoni partikulari.



Apparti numru kbir ta' vetturi tat-tifi ta' nar ta' Malta, minn żminjiet differenti, għandu ukoll vetturi minn bosta pajjiżi madwar id-dinja, fosthom bosta Ameri-kani, li jidher li huma l-favoriti tiegħu,





minħabba li fi kliemu dawn għandhom 'stil partikulari'. Meta mistoqsi sabiex jindikalna l-vettura preferita tiegħu, Anthony ma xtaqx jikkommetti ruħu, għax isostni li kollha fihom l-istorja tagħhom u ħafna drabi l-iżjed waħda riċenti tkun l-iżjed għal qalbu!

Il-maġġoranza tal-kollezzjoni tikkonsisti f'mudelli ta' daqs 1:43, u għalkemm għandu numru żgħir li xtrahom lesti, ħafna minnhom ġew armati kompletament minnu jew inkella kienu modifikati skont kif riedhom hu.

Waqt din l-intervista laqatni s-sens ta' organizzazzjoni u dixxiplina, fejn kull vettura li għandu hi nnumerata u dokumentata fi ktieb li jżomm apposta bid-dettalji tal-vetturi. F'dan il-ktieb hemm imniżżla 1,113-il vettura.

Fuq nota personali: Anthony spiċċa l-25 sena servizz fl-2011 (ex-PC 895), u llum jagħmel parti mill-grupp ta' kuntistabbli tar-riserva.

Grazzi lis-Sur Busuttil talli għoġbu jaqsam ftit mill-ħin tiegħu magħna u bil-paċenzja kollha jispjegalna d-dettalji kollha dwar dan id-delizzju tant għal qalbu. Grazzi ukoll lil PC 256 Kurt Bugeja Coster, li ħa r-ritratti kollha li qed jakkumpanjaw dan l-artiklu.

rodienne.bartolo@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Mal-Passi tal-Korp

minn Charles B. Spiteri

## Siltiet minn intervisti mal-eks Surġent George Muscat minn Ħad-Dingli

*Il-ġurnalist Charles B. Spiteri kien għamel dawn l-intervisti lil George Muscat fl-2001.*

### Bejn l-uniformi u l-ħtieġa tal-pulizija

"L-uniformi tas-sajf minn Surġent 'l isfel kienet ġakketta bl-għonq, li jinqafel b'żewġ krieket u qalziet twil tal-khaki, beritta sewda bil-*cover* tal-khaki u ċinturin tal-ġild bil-bokkla bil-kliem *Malta Police*. Mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. kellna elmu abjad.

Fix-xitwa l-uniformi kienet ġakketta bl-għonq magħluq bħal tas-sajf u qalziet tas-sarġ; beritta sewda u l-istess ċinturin. Sajf u xitwa kien ikollna wkoll l-istess numru u rank. Kienu jkunu tal-metall abjad u n-numru jintlibes mal-għonq tal-ġakketta. Tiegħi kien 255 u l-ittra tad-distrett fuq l-ispalletti, anki fuq l-uniformi tas-sajf.

Għamilna żmien fejn flok il-kappa tax-xitwa, konna nilbsu *coat u leggings* u elmu iswed bħal ta' Londra, bl-arma *Domine Dirige Nos*. Wara xi żmien sar ilment għax kienu jieħdu l-irjieħ, u neħħewhom.

Is-Surġenti Maġġuri kellhom ġakketta miftuħa, qmis bl-ingravata sewda u qalziet tal-pannu, biċ-ċinturin tal-ġilda għal fuq spallithom.

Il-ħtieġa tal-pulizija fit-toroq kibret, anzi nħolqu postijiet ġodda fejn kienet meħtieġa l-preżenza tagħhom, bħal pereżempju ħdejn l-iskejjel; it-terminus tal-karozzi; il-vened tat-taksis u tal-karozzini qrib il-knejjes fil-festi; qrib il-ħwienet tad-*discos* eċċ."

### Id-diskriminazzjoni fl-ilbies u x-xogħol fl-Għases

"Fi żmieni kienet teżisti diskriminazzjoni fl-ilbies. Minn Surġent tal-prima 'l isfel kien ikollhom ġakketta bil-għonq, li jinqafel b'żewġ krieket u minn Surġent-Maġġur 'il fuq kienu jkunu bl-ingravata.

Fl-Għases tal-ibliet kien hemm ir-riserva, jiġifieri tispiċċa fl-4.00 p.m. u l-għada tkun ta' bil-lejl. Għalhekk kien ikollok torqod fl-Għassa sat-8.00 a.m. Aktar gravi kienu dawk f'Tas-Sliema, għax jintbagħtu riserva San Ġiljan u tkun trid tieħu miegħek il-lożor tiegħek.

F'San Ġiljan, bħal fil-biċċa l-kbira tal-irħula, sal-1953 ma kienx hemm kwiet, għax kont trid tieħu l-messaġġi privati u numru ta' nies kienu jmorru jċemplu minn hemm.

Meta kont ġa Surġent f'Ħad-Dingli, darba rċevejt messaġġ biex immur ngħid lil Diegu, li kien jgħix f'tarf ir-raħal biex l-għada jieħu l-faħal ħalli jgħammar lill-majjala. Anki t-twelid u l-mewt kienu jkunu rreġistrati f'dawn l-Għases u l-pulizija kienu jridu jieħdu ħsieb jiġbru ċ-ċertifikati taż-żwiġijiet mingħand il-Kappillan.

Darba, ħija Ċensu, li kien Surġent fl-uffiċċju tar-Rabat, kien irid jirreġistra lil dawk li jitwieldu l-Imtarfa. Kien hemm uffiċjal għoli fl-Armata Ingliża u biex irreġistra lit-tarbija li kellu, irrappurtawh Kastilja.

Is-Surġent, li kien jikteb it-twelid fl-antik, kienet fil-kriterju tiegħu jekk iżommx tliet soldi, sitt soldi, disa' soldi jew xejn.

L-Għassa tal-kampanja kienet aktar iebsa, għax trid tagħmel sebat ijiem torqod hemm u fis-siegħa ta' filgħodu jew tkun dieħel, inkella ħiereġ (*on duty*).

Kien ikollhom il-*cash book*, dħul mir-reġistru tat-twelid, mill-messaġġi tat-telefon, u ta' dawk li biex jingumbraw b'xi ġeleb tal-bini, jħallsu tant il-jarda.

Meta wieħed kien jeħel mill-Qorti biex iħallas tant fix-xahar, jiġi l-mandat u biex tagħmel pjaċir lil dak li jkun, jew tħallashulu int, inkella twassalhulu d-dar. Kien xogħol l-istess pulizija, li jiġbru l-klieb ta' bla medalja u wara xi ġranet jinqatlu."

magazine.police@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Ir-rabja

minn Nick Cachia - Councelling Psychologist, ESP Unit

Ix-xogħol tal-pulizija jinvolvi sitwazzjonijiet li jqanqlu emozzjonijiet stressanti bħal f'każi ta' vjolenza, inċidenti tat-traffiku u sitwazzjonijiet ta' ħajja jew mewt. Madankollu, hemm it-tendenza li l-pulizija jkollhom joqogħdu lura milli jesprimu emozzjonijiet bħal niket u rabja meta jiffaċċjaw dawn ir-realtajiet. Dawn is-sitwazzjonijiet spiss iwasslu biex dawn l-emozzjonijiet diffiċli jinbidlu f'rabja. Sitwazzjonijiet varji li jikkaġunaw l-istress, kif ukoll in-nuqqas ta' espressjoni ta' emozzjonijiet joħolqu sintomi psikoloġiċi u fiżiċi fil-pulizija. Dan l-artiklu ser jagħti ħarsa lejn kif tista' tiġi esperjenzata r-rabja u x'jista' jikkawżaha.

Ir-rabja hi emozzjoni normali li tagħmel parti integrali minn saħħitna u mill-għajxien tagħna. Madankollu, xi drabi din ir-rabja tista' tattiva ruħha f'ħin meta mhux addattat u tista' tħalli impatt fuq il-funzjonijiet tal-persuna, il-ferħ u r-relazzjonijiet tagħha kif ukoll fuq kemm wieħed iħossu fiduċjuż bih innifsu. Ir-rabja u l-frustrazzjoni huma ħafna drabi assoċjati ma' mġiba aggressiva u offensiva, iżda hi daqstant komuni li persuna tħossha rrabjata u tingħalaq fiha nnifisha jew iżżomm ġo fiha l-emozzjonijiet li qed tħoss.

### Kawżi tar-rabja jinkludu meta:

- Tħossok inkwetat u mdejjaq jew f'burdata ħażina
- Tħossok anzjuż u stressjat
- Tkun għajjien, bil-ġuħ jew muġugħ
- Titlef lil xi ħadd li tħobb, jew tkun f'riskju li titlef lil xi ħadd li tħobb
- Tħossok sottovalutat u/jew mhux mifhum
- Tħossok mhedded
- Ikollok kundizzjonijiet mediċi jew effetti ġejjin minn ċerti mediċini
- Tuża stimulanti, alkoħol jew xi tipi ta' mediċini
- Ikollok nuqqas ta' rqad u/jew tħossok għajjien
- Tħossok mingħajr kontroll
- Ikollok kunflitti mal-pubbliku
- Ikollok relazzjonijiet diffiċli fil-post tax-xogħol

### Kif inħarsu lejn ir-rabja

Meta r-rabja tiġi mqanqla bħala reazzjoni lejn theddida, tiġi kkunsidrata bħala reazzjoni ta' difiża. Importanti li nifhmu li s-sitwazzjoni ta' theddida ħafna drabi tkun l-interpretazzjoni tal-individwu u ma jfissirx li t-theddida hi r-realtà. Għaldaqstant, meta ngħidu li r-rabja hi kkawżata minn xi ħaddieħor u nirreaġixxu, ifisser li aħna tlifna l-awtonomija u li m'għandniex kontroll tagħna nfusna. Nifmhu li hemm sitwazzjonijiet li kapaċi jikkawżaw frustrazzjoni u rabja, iżda meta niġġustifikaw l-imġiba tagħna billi nwaħħlu f'xi ħaddieħor bħala l-kawża, inkunu qed ngħaddu l-messaġġ li dik il-persuna għandha kontroll fuqna u fuq l-imġiba tagħna.

Minħabba n-natura tax-xogħol tal-pulizija, hemm sitwazzjonijiet fejn uffiċjali jesperjenzaw u jiltaqgħu ma' kunflitti mal-pubbliku u atti kriminali li jistgħu jikkawżaw ir-rabja u li jistgħu jwasslu għal reazzjonijiet mhux xierqa bħal żieda fil-konsum tal-alkoħol u vjolenza domestika, jekk din ir-rabja ma tiġix espressa sewwa.

Filwaqt li tesprimi l-frustrazzjoni tiegħek sa ċertu limitu mhux ta' ħsara, meta tirrabja b'mod eċċessiv lejk innifsek jew lejn l-oħrajn, jirrikjedi attenzjoni. Barra minn hekk, individwi li jsibu diffikultà biex jikkontrollaw ir-rabja tagħhom jistgħu jħossuhom dgħajfa, mdejqin u li għandhom tort, filwaqt li jsibuha diffiċli li jesprimu dawn l-emozzjonijiet. Għalkemm waqt ix-xogħol l-uffiċjali huma mitluba jħossuhom daqs li kieku għandhom il-kontroll ta' kull sitwazzjoni, hu importanti li l-uffiċjali tal-pulizija

jkunu jafu minn fejn ġejja din ir-rabja sabiex ikunu jistgħu jindirizzawha b'mod xieraq.

Fuq livell iktar intensiv, ir-rabja hi wkoll difiża interna kontra t-telfa ta' xi ħadd u/jew niket. Dan ifisser li għal xi wħud hu eħfef u iktar soċjalment aċċettabbli li jesprimu r-rabja milli jesprimu n-niket. Din hi xi ħaġa komuni, partikularment fl-uffiċjali tal-pulizija u dan jagħmilha diffiċli għal xi persuni li jesprimu ruħhom, wisq iktar waqt il-ħin tax-xogħol. Għalhekk, hu tajjeb li waqt li qed taqra dan l-artiklu tistaqsi lilek innifsek jekk qatt ridtx tesprimi ruħek iżda sibtha diffiċli ħafna biex tagħmel hekk. Dan ma jfissirx li wieħed għandu jinfexx kull meta jinqala' l-bżonn, iżda li wieħed isib post u spazju fejn dawn is-sentimenti jiġu espressi b'dinjità.

Rabja li hi kronika u li mhix normali, għandha effett fuq il-ħajja personali u professjonali tagħna għax jekk ma tiġix indirizzata, ittellef il-produttività tagħna. Din ir-rabja hi distruttiva u twaqqafna milli naħsbu b'mod iktar ċar u wiesa', kif ukoll taffettwa r-relazzjonijiet personali u professjonali tagħna. Ir-rabja toħloq ukoll ħafna ħsara fiżika fuqna nfusna. Bosta sistemi fil-ġisem tagħna, inkluż il-moħħ u l-qalb ikunu taħt pressjoni kbira meta persuna tirrabja. Fil-fatt ir-rabja tikkonsma ħafna enerġija fiżika u psikoloġika. Li wieħed jirrabja tinvolvi sfida għal xi wħud iktar mill-oħrajn minħabba n-natura dejjiema u sostenibbli tar-rabja. Minkejja li r-rabja hi emozzjoni, madankollu, il-mod kif wieħed jesprimi din l-emozzjoni f'azzjoni hi għażla - rispons li wieħed irid jitgħallem. Għalhekk hu ta' importanza kbira li wieħed jagħraf modi ġodda ta' kif jittratta lilu nnifsu u lill-oħrajn.

Jekk tinsab f'diffikultajiet simili għal dawk imsemmija hawn fuq, l-appoġġ professjonali u l-*counselling* jistgħu jgħinuk tħossok aħjar. Il-*counselling* hu opportunità biex issir taf lilek innifsek aħjar u tiżviluppa individwalment. Għal għajnuna professjonali, mingħajr ħlas u b'rispett sħiħ lejn il-kunfidenzjalità, tista' tikkuntattja lill-*Employee Support Programme* fuq 2200 1210 għal appuntament.

magazine.police@gov.mt



INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Paġna għat-Tfal




Creig Vella
9 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt



# Il-Korp tal-Pulizija respons
# tal-binja l-ġdida tal-

minn

Nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015, waqt ċerimonja simbolika fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Parlament il-ġdid, il-Korp tal-Pulizija nħatar uffiċjalment responsabbli mis-sigurtà tal-Parlament Malti.

Iċ-ċerimonja rat il-bidu tagħha quddiem il-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, il-post fejn il-Parlament Malti kien ilu jiltaqa' sa mill-1921. Hemmhekk il-muftieħ tas-Sala tal-Parlament; simbolu tas-sigurtà, ġie mgħoddi minn idejn il-gwardja tal-Forzi Armati għal għand il-gwardja tal-Pulizija ta' Malta. Minn pjazza San Ġorġ, il-gwardja tal-

unur, f
tal-Puliz
tal-Parla
Belt, fe
mill-Eċċ
Malta s
Preca,
Kamra,

Din iċ-
wara li
Sur Mi
lill-Presi





## abbli mis-sigurtà
## Parlament

WPS 96 Rodienne Bartolo - CMRU

flimkien mal-banda tal-Korp zija mxew għal quddiem il-bini ament il-ġdid, fid-Daħla tal-jn saru diskorsi tal-okkażjoni cellenza Tagħha l-President ta' -Sinjura Marie Louise Coleiro kif ukoll mill-Ispeaker tal- l-Avukat Anġlu Farrugia.

ċerimonja waslet fi tmiemha l-Kummissarju tal-Pulizija, is-chael Cassar għadda l-muftieħ ident tal-Kamra tad-Deputati.

rodienne.bartolo@gov.mt









# Minn dak li nirċievu

minn SM 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali

L-appelli li nagħmlu minn żmien għall-ieħor lill-membri tagħna, kif ukoll lill-pubbliku inġenerali dwar ritratti antiki, dokumenti, eċċ, dawn b'xi mod jinstemgħu tajjeb u qed jagħtu l-frott. Xi individwi saru javviċinawna u juru x-xewqa li ċerti affarijiet bħalma huma ritratti, dokumenti jew oġġetti oħra li jkunu spiċċaw għandhom matul is-snin, jingħataw lill-Mużew tal-Pulizija. Naturalment, ladarba naċċertaw li dawn l-għotjiet ikollhom relevanza għall-istorja tal-Korp; intenni li naċċettawhom bil-qalb kollha, għax fl-aħħar mill-aħħar, dawn ukoll ikomplu jirriflettu partijiet oħra mill-istorja ta' pajjiżna. Fil-fatt, matul dawn l-aħħar snin, irċevejna xi oġġetti milli kien juża waqt is-servizz tiegħu il-Kummissarju Vivian de Gray. Dokumenti oħra oriġinali ta' importanza kbira, ingħatawlna wkoll bħala donazzjoni, mid-dixxendenti tal-Konti Luigi Theuma Castelletti. Dan il-persunaġġ jissemma f'passaġġi tal-Istorja ta' Malta, fi żminijiet ta' bejn l-Imblokk tal-Franċiżi u l-imbark tal-flotta Ingliża f'Malta għall-ewwel darba; immexxija mill-Ġeneral Orazio Nelson, 'il fuq minn 200 sena ilu - jindikaħ bħala wieħed mill-persuni li pposseda dokument iffirmat mill-ewwel Kmandant tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, il-Konti Kurunell Francesco Rivarola. F'dan id-dokument, li kif għidt iġib il-firma tiegħu, hemm miktuba bil-lingwa Taljana, l-istruzzjonijiet li kien qiegħed joħroġ lill-ewwel ajjutanti tiegħu. Skont dan l-għarfien li ġej, tradizzjonalment fil-familja, kif ukoll, kif wieħed jippreżumi mid-dokument innifsu, jagħti l-lok li Luigi Theuma Castelletti seta' kien wieħed minn dawk l-aktar viċin tal-Konti Rivarola fil-bidu tat-tmexxija tal-Korp.

U proprju jumejn ilu, neputija tal-Kummissarju Joseph Axisa għadditilna wkoll bħala donazzjoni, dokumenti interessanti ħafna marbutin ma' nannuha. Il-Kummissarju Axisa, hu l-istess Kummissarju li mexxa l-Korp tal-Pulizija fi żmien tassew diffiċli waqt it-Tieni Gwerra Dinjija u li eventwalment ippreżenta wkoll il-'George Cross' fil-pjazza tal-Palazz, waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tiegħu. Jidher li bħala rikonoxximent u tifkira personali, ir-Re George VI, kiteb fuq wara tar-ritratt, li fuqu jidher il-Kummissarju Axisa waqt din iċ-ċerimonja, l-istess diskors li kiteb fl-ittra li bagħat lill-poplu Malta, bis-sinifikat ta' dan l-unur. Sintendi, dan ir-ritratt bl-iskrizzjoni se jkun għall-wiri fil-Mużew tal-Pulizija..

Dwar id-dokumenti li nirċievu, ma' oħrajn li jirnexxilna niġbru, wieħed irid jara u jistudja tajjeb x'fihom. Mhux neċessarjament tista' ssib f'arkivji jew reġistri pubbliċi oħra, din ix-xorta ta' dokumentazzjoni miżmuma personalment għand ċerti persunaġġi importanti fl-istorja.





The Governor
Malta.
To honour her brave people
I award the George Cross to the Island
Fortress of Malta to bear witness to a
heroism and devotion that will
long be famous in history
April 15th 1942. George R.I

joseph.q.borg@gov.mt

**APPELL**

*Bħalma għamilna drabi qabel, se nerġgħu nitolbu lil kull min għandu ritratti antiki, dokumenti jew kull ħaġa oħra b'relevanza mal-istorja tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, sabiex javviċina, l-Mużew, li jinsab fil-Kwartieri tal-Pulizija, il-Furjana. Bil-permess tagħkom inkunu nistgħu nagħmlu wkoll kopja tar-ritratti, dokumenti eċċ. L-iskop tagħna hu, li nkomplu nkabbru din it-tradizzjoni storika u kulturali tal-korp. Waqt li nirringrazzjawkom minn qabel, napprezzaw il-kooperazzjoni tagħkom.*

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija



























# Meta l-Pulizija tiġri wara l-Kriminali

minn Dr Mark Said - Uffiċċju tal-Prim Ministru

Pulizija tiġri wara l-kriminali dejjem tolqot l-għajn tan-nies. Hemm x'tara hekk kif sewwieq li qed jaħrab jiżgiċċa minn hawn, imbagħad minn hemm, imbagħad jagħmel xi manuvra perikoluża liema bħalha biex il-karozzi tal-pulizija ma jilħquhx. Dawk li jassistu għal xena bħal din, iżda, iridu jiftakru li meta l-pulizija tiġri wara xi ħadd taf tkun xi ħaġa ferm perikoluża. Perikoluża għall-pulizija, għal xi nies li jinzertaw qrib, u, iva, ukoll għas-sewwieq maħrub. Il-pulizija li jiġru wara l-maħrub jafu b'dawn il-perikli. Huma mħarrġa biex jagħrfu dawn il-perikli, u hija r-responsabbiltà tagħhom li jħarsu s-sigurtà ta' kulħadd, inkluż is-sewwieq li jikkommetti bosta ksur tar-regolamenti tat-traffiku bil-għan li jaħrab. Responsabbli jkun dak l-uffiċjal li jagħti bidu għall-insegwiment, u jibqa' hu responsabbli sabiex itemmu, jew billi jwaqqaf lis-sewwieq, inkella billi jagħżel li ma jkomplix bl-insegwiment.

Iżda ta' min hi r-responsabbiltà meta xi ħadd jisfa ferut f'insegwiment tal-pulizija? U meta jmut xi ħadd? Fit-13 ta' Frar, 2014, f'West Berkshire l-Ingilterra, żewġ ċiklisti tilfu ħajjithom wara li ntlaqtu minn vettura pajżana li kienet qed tiġi nsegwita minn karozza tal-pulizija. Kummissjoni indipendenti li investigat il-każ sabet u kkonkludiet li tenut kont taċ-ċirkustanzi disponibbli għall-pulizija fil-ħin tal-inċident, raġonevolment setgħu jintebħu bil-periklu għaċ-ċiklisti bl-insegwiment u messhom issospendew l-insegwiment. Għaldaqstant, sabu ħtija ta' negliġenza fil-pulizija.

Meqjusa ċ-ċirkustanzi kollha kif imqiegħda hawn, hu faċli li nikkonkludu li l-pulizija hi dejjem responsabbli għal xi korriment jew imwiet waqt insegwiment. Iżda tassew hekk hu? Min-naħa l-oħra, wieħed jistaqsi: x'responsabbiltà għandu s-sewwieq maħrub bl-insegwiment? U t-tweġiba għal din il-mistoqsija hi li s-sewwieq li qed jaħrab għandu responsabbiltà kbira, u m'għandux jeħlisha ħafif meta tiġri xi ħaġa. Hu dmir ta' kull uffiċjal tal-pulizija li jwaqqaf lil min hu ta' theddida għas-soċjetà. Sewwieq sfrenat u miġnun hu tali theddida. M'hemmx dubju li raġuni jkun hemm il-għala sewwieq maħrub ma jkunx irid jieqaf. Forsi għandu d-droga fil-karozza. Forsi fis-sakra. Forsi għadu kemm seraq bank u għandu l-flus fil-karozza. Iżda jista' jkun li sempliċement kien għaddej bi *speed eċċessiv*, u ma jixtieqx jaqla' biljett. In-nies jagħmlu stupidaġnijiet kbar biex ma jidħlux f'inkwiet. Li taħrab mill-pulizija, u tipperikola lil kulħadd madwarek biex taħrab mill-għawġ, hi waħda mill-akbar stupidaġni li sewwieq jista' jagħmel. Hu dmir il-pulizija li jżommuna 'l bogħod min-nies bħal dawk.

Kulma għandu jagħmel is-sewwieq maħrub hu li jieqaf. Daqshekk. Malli jagħmel hekk, jieqaf il-periklu għal kulħadd. Meta jagħżel li jkompli jaħrab mill-pulizija, f'vettura li tiżen mijiet ta' kilogrammi, xi minn daqqiet b'veloċitajiet tal-ġenn, kważi dejjem b'manjiera traskurata, is-sewwieq qed jagħżel li jipperikola lil min hu madwaru. Hekk ikun qed jagħżel. Il-pulizija imbagħad iżżomm lura u ssegwih bl-aktar mod żgur possibbli. Mhix il-pulizija li qed tipperikola lin-nies f'sitwazzjoni bħal dik; hu s-sewwieq maħrub bla qies ta' xejn, lejn ħadd, ħlief għalih innifsu.

M'iniex ser nagħlaq għajnejja għal xi eċċezzjonijiet li jeżistu. Daż-żgur li hemm. U kull uffiċjal tal-pulizija suppost jaf bihom u jiġi mħarreġ biex josservahom. Jekk l-insegwiment ser jgħaddi minn fost żona mimlija nies, ippakkjata, jew żona bħalma hi skola, ikun il-waqt li jitwaqqaf l-insegwiment (ħlief f'każi estremi, bħal meta s-sewwieq maħrub ikun qatel u għadu qed jispara mit-tieqa tal-karozza). Għall-insegwimenti li jkunu bdew minħabba vjo-

zzjonijiet żgħar tar-regolamenti tat-traffiku, li tip-perikola lin-nies billi ssuq b'mod eċċessiv minn żona residenzjali mhix biżżejjed biex tiġġustifika t-twaqq-if u l-arrest tas-sewwieq. Hi analiżi ta' gwadann jew telf li l-pulizija trid tagħmel f'nofs sekonda. Spiss, meta l-manuvri tas-sewwieq maħrub huma tant perikolużi li jistgħu joqtlu lis-sewwieq innifsu, il-pulizija wkoll iżżomm lura mill-insegwiment. Il-pulizija trid ukoll tħares il-ħajja tas-sewwieq maħrub.

Hemm aspetti oħrajn li jridu jiġu mwieżna mill-pulizija meta jiddeċiedu jekk jiqfux mill-insegwiment jew le. Jekk l-uffiċjal ikun jaf lis-sewwieq, jista' jwaqqaf l-insegwiment u sempliċement isib lill-persuna aktar tard. Jekk il-pulizija tkun iffortunata biżżejjed li tieħu n-numru tar-reġistrazzjoni, tista' tieqaf mill-insegwiment u, għal darb'oħra, tfittex lill-persuna aktar tard. Jekk l-insegwiment iseħħ f'qalb belt ewlenija, fejn ikun hemm l-assistenza tal-elikotteri, il-forzi fuq l-art jistgħu jwaqqfu l-insegwiment u jħallu lill-elikotteri jsegwu lill-vettura sakemm ikun jista' jsir blokk stradali jew is-sewwieq maħrub jieqaf minn jeddu. Jekk il-pulizija tintebaħ li s-sewwieq maħrub għandu nies oħra miegħu fil-vettura jew fuq il-mutur, li jitqiegħdu fil-periklu bl-insegwiment, tista' tagħżel li twaqqaf l-insegwiment biex ma tqegħidx f'sogru l-ħajja tal-passiġġieri. U l-pulizija trid tqis dan kollu waqt li tkun għaddejja b'veloċità qawwija u żżomm taħt għajnejha lis-sewwieq maħrub.

Naturalment, m'hemm xejn ċert li anke jekk il-pulizija jwaqqfu l-insegwiment, is-sewwieq maħrub jieqaf imbagħad. Spiss, jissokta bil-ħarba b'veloċità liema bħalha, bl-iskop li jkompli jiddistakka lilu nnifsu mill-pulizija. X'jiġri, allura? F'ċirkustanzi bħal dawk, faċli tintebaħ li mhix il-pulizija li qed toħloq periklu minħabba l-insegwiment. Hu s-sewwieq li jaħseb li hu 'l fuq mil-liġi, u li l-ħajja u s-sigurtà tiegħu biss tgħodd. Hu jibqa' jġorr ir-responsabbiltà legali t'għemilu.

magazine.police@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# SM 527 Paul Cassar jirbaħ 'Inizjattiva Idea'

F'Ottubru li għadda, saret sejħa lill-impjegati tal-Gvern, imsejħa INIZJATTIVA IDEA, fejn ġie mitlub li min għandu xi idea kif is-servizz pubbliku jista' jitjieb, din tiġi kkunsidrata u implimentata.

2nd SM 524 Paul Cassar ressaq l-idea tiegħu li kienet tikkonsisti li kull uffiċjal pubbliku li jkollu quddiemu persuna ta' nazzjonalità barranija u ma jkunx jista' jiftiehem miegħu, ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu, fuq il-kompjuter tas-servizz, *translator* li bih ikun jista' jiftiehem mal-barrani.
Nhar il-Ġimgħa d-29 ta' Jannar, saret attività mnedija mill-uffiċċju tas-Segretarju Prinċipali permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.



F'din l-attività, ngħataw premijiet lill-impjegati tal-Gvern li ressqu s-suġġerimenti tagħhom. Dawn tqassmu mis-Segretarju Permanenti Prinċipali, is-Sur Mario Cutajar fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.
Dan is-suġġeriment ta' SM Cassar ġie mfaħħar bħala l-aħjar idea u ħa l-premju tal-aktar suġġeriment sempliċi u oriġinali; u li kien implimentat mill-ewwel f'ħafna dipartimenti tal-Gvern.



Kif qalet il-preżentatriċi, dan seta' jsir b'arranġament speċjali mal-MITA fuq dawn it-tliet *web sites*:

- IMTranslator.com
- Webtranslation.paralink.com
- Freetranslation.imtranslator.com

Qalet ukoll li dawn il-*websites* għandhom ikunu aċċessibbli għall-ħaddiema kollha fis-servizz pubbliku.

Min-naħa tal-pulizija saret talba lill-*IT Section*, biex din l-idea li ġiet oriġinata minn ħdan il-Korp stess, tkun aċċessibbli għall-pulizija wkoll b'*link* fuq il-*Police Intranet*.

B'hekk l-uffiċjali tal-pulizija f'kull dipartiment ikunu jistgħu jagħmlu użu minnha.
Kif wieħed jista' jaħseb, minbarra li b'din il-biċċa għodda l-pubbliku jkun jista' jiġi moqdi aħjar, jiġu ffrankati l-flus minħabba li ċerta informazzjoni tkun tista' tiġi meħuda mingħajr ma jitqabbad traduttur.

Għal din is-sena din l-skema qiegħda miftuħa u min għandu xi suġġeriment jista' jibagħtu fuq idea@gov.mt
Minn hawn nifirħu lil SM Cassar għal dan suċċess.

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Il-'Malta Police Association' storja ta' 60 sena.

Bħalma tafu nhar is-Sibt 23 ta' Mejju 2015 saret elezzjoni demokratika fejn għall-ewwel darba fl-istorja ta' sittin sena bħala MPA, il-membri kollha tagħha ngħataw id-dritt li jeleġġu dawk id-disa' persuni li huma jixtiequ li jirrappreżentawhom fejn ġew eletti s-segwenti kandidati biex jiffurmaw il-kumitat il-ġdid għas-snin 2015-2018:

Sammut Frankie
Bondin Malcolm
Vella Robert
Cuschieri Edmond
Schembri Alexander
Attard Jerry
Mallia Sandro
Borg Gordon
Azzopardi Tania

F'isem il-kumitat il-ġdid nirringrazzjaw lill-kandidati l-oħra li ħadu sehem f'din l-elezzjoni, tal-appoġġ u l-parteċipazzjoni tagħhom.

Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lis-Sur Laurence Cutajar u t-tim tiegħu, Supt. Antonello Grech, PS Joseph Zerafa, PS Jeffrey Sacco u PS Jason Gilson li bi professjonalità liema bħalha mexxew il-proċess elettorali b'effiċjenza u dedikazzjoni matul il-ġurnata kollha.

Aktar tard ser inħabbrulkom il-karigi ta' kif ser jiġi kompost il-Kumitat, kif ukoll inħabbrulkom id-data tal-Konferenza Ġenerali li fiha ser jiġi approvat l-istatut il-ġdid tal-*Union*. Intom se jkollkom iċ-ċans ukoll li ssemmgħu leħinkom fuq il-prijoritajiet li tixtiequ li l-*Union* tibda taħdem fuqhom.

Inħeġġiġkom biex min għandu xi ideat jew proponimenti jilħaq jibagħtilna *email* u nħeġġukom issemmgħu leħinkom u toħorġu bl-ideat biex nirranġaw dawk il-problemi li wieħed ikun qiegħed jaffaċċja fil-post tax-xogħol.

Tajjeb tkunu tafu li għalkemm għadna ma rreġistrajniex bħala *Union*, ħaġa li ser issir minnufih, is-servizz tal-avukat diġà qed jiġi offrut u min ikun jixtieq igawdi minn tali servizz, hu mitlub javviċinana. Madankollu l-applikazzjonijiet sabiex tissieħbu magħna għadhom miftuħin u min hu interessat jista' javviċina lill-membri tal-Kumitat tal-MPA.

Nirringrazzjaw lil kull wieħed u waħda minnkom tal-appoġġ li qegħdin tagħtuna, kif ukoll għat-*turnout* qawwi li kien hemm nhar is-Sibt li għadda fejn ġew jivvutaw 'il fuq minn 565 membru. Dan żgur li serva ta' kuraġġ u motivazzjoni kbira għall-kumitat il-ġdid biex jagħmel dak kollu possibbli sabiex ikun ta' servizz u sodisfazzjon għalikom għal dawn it-tliet snin li ġejjin.

L-MPA qed tippreżentalkom lil dawn il-kandidati sabiex issiru tafuhom aktar.



**Frankie Sammut** għandi 38 sena miż-Żurrieq miżżewweġ lil Audrey u għandi żewġt itfal; Liam ta' tmien snin kif ukoll Jade li għandha sena u nofs. Jien ili għal dawn l-aħħar 14-il sena fil-pulizija fejn servejt bħala pulizija u surġent fl-iskwadra tal-Mowbajl kif ukoll fl-ALE. Meta lħaqt spettur kont ġejt stazzjonat fl-Għassa ta' Bormla u bħalissa ninsab stazzjonat fis-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni.

Kelli l-opportunità li nservi bħala membru tal-kumitat f'żewġ leġislaturi fil-*Malta Police Association* fejn ksibt bosta esperjenza u b'responsabbiltà nista' ngħid li l-MPA dejjem għamlet l-almu tagħha sabiex isservi b'kull mod li kienet fiċ-ċirkustanzi tagħha. Fil-fatt ir-riżultati wrew, għalkemm xtaqna li ksibna aktar. Tagħmel x'tagħmel għandek tkun kritiku sabiex ittejjeb fuq dak li tkun wettaqt.

Madanakollu jien erġajt xtaqt li nikkontesta għax issa dak li dejjem ħolmot bih l-MPA li xi darba jingħatalna d-dritt li nsiru *union* sar realtà. Madanakollu l-MPA dejjem kienet umli u ħadmet bla heda għad-drittijiet u kundizzjonijiet tal-membri tagħha. Persważ li hekk

ser tibqa' tagħmel. Madanakollu ħadd mhu perfett u nitlobkom li jekk ikun hemm xi nuqqas min-naħa tagħna, iġbdulna l-attenzjoni. L-unika għodda li kellha l-MPA kienet il-persważjoni għax ma kellhiex is-saħħa legali li għandha *union*. L-MPA ser tkun hemm biex tismagħkom u tagħmel minn kollox biex ittaffi l-weġgħat tagħkom. Ikollkom bżonn fittxuna. Il-motto tiegħi hu li jekk tkun dgħajjef titlob l-għajnuna; jekk tkun b'saħħtek tiġġieled waħdek. Fl-aħħar nagħlaq billi ninfurmakom li l-MPA mhix ser tkun hemm biex twieġeb għall-kritika distruttiva jew dispreġjattiva fil-konfront tagħha. L-enerġija, l-MPA ser tużaha biex takkwista drittijiet u kundizzjonijiet tajbin għall-membri tagħha.



**Malcolm Bondin** ta' 34 sena, ili 15-il sena fil-korp, miżżewweġ lil Diana Bondin. Għandi żewġt itfal. Bdejt bħala pulizija ż-Żurrieq. Meta lħaqt surġent ġejt stazzjonat Ħal Qormi u meta lħaqt spettur fl-2008, għamilt sentejn Ħal Qormi, sentejn San Ġiljan u ili dawn l-aħħar tliet snin *Drug Squad*. Ili mit-2008 fl-MPA u kkontestajt għax ridt ninvolvi ruħi direttament u ma naġixxix bil-kliem biss.

L-iskop tiegħi hu li nġibu lill-membri kollha fi stat li jħossuhom kburin li jilbsu l-uniformi u li l-pubbliku japprezza x-xogħol tagħhom. Dan isir billi jitranġaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol bħala ħinijiet pagi eċċ, kif ukoll l-ambjent fejn naħdmu. Fl-aħħarnett li nġibu lill-membri tal-korp konxji x'inhuma d-drittijiet tagħhom u li tali drittijiet jiġu rispettati, fosthom li fl-aħħar niddefinixxu l-kelma esiġenza tas-servizz.



**Robert Vella**, 35 sena u għandi żewġt itfal, Carla (6) u Nikolai (4). Stazzjonat il-Ħamrun.
Ikkontestajt għax fil-korp hemm ħafna affarijiet li jridu jiġu rranġati fl-interess ta' kulħadd, speċjalment dawk li ma tantx għandhom vuċi.

L-iskop huwa li l-vuċi ta' kulħadd tinstema' u li jiġu rrispettati d-drittijiet ta' kulħadd.



**Edmond Cuschieri**, 37 sena, miżżewweġ u għandi tifel ta' sitt snin.Stazzjonat R.I.U

X'ħajjarni nikkontesta kien li din kienet xi ħaġa li kont ili naħseb fuqha, speċjalment meta kien hemm l-aħħar żviluppi fil-liġi, fejn ingħata d-dritt ta' assoċjazzjoni trejdunjonistika għall-forzi tal-ordni. Bħala l-aħħar imbuttatura kienet meta ġejt avviċinat minn persuni fl-MPA biex nikkontesta u meta rajt li l-viżjoni li kellhom dawn il-membri tal-MPA għall-korp kienet simili għal dik li nemmen fiha. Għalhekk aċċettajt li nikkontesta.

Fi ftit kliem, l-iskopijiet primarji tiegħi fi ħdan l-MPA huma li ċerti lenjanzi tal-membri tal-korp ilhom jeżistu żmien iżda għal xi raġuni baqgħu ma ġewx indirizzati. Ser nipprova nagħmel l-almu tiegħi biex forsi naslu. Eżempju ta' dan hu li nemmen li kull branka u sezzjoni għandu jkollha *job description* biex kulħadd ikun jaf x'inhu xogħlu u b'hekk jitnaqqas ħafna diżgwid li jista' jinħoloq waqt il-qadi ta' dmirijietna.
Ħaġ'oħra hi li għalkemm fl-aħħar snin kien hemm titjib sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna, nemmen li fadal ħafna x'wieħed jista' jtejjeb biex inkunu *on par* ma' dipartimenti oħra u anki, għaliex le, ma' forzi barranin simili tagħna.

Jiena PS1330 **Alexander Schembri** għandi 48sena, twelidt u noqgħod iż-Żejtun. Bin il-mejtin Francis u Maria Lourdes xebba Barbara u jiena l-iżgħar fost tlett ulied.



Dħalt fil-Korp tal-Pulizija fit-28 ta' Ġunju 1994 u kont stazzjonat f'diversi Għasses Distrettwali fosthom, iż-Żejtun, Ħaż-Żabbar, Bormla, il-Ħamrun, ir-Rabat, kif ukoll fl-A*dministrive Law Enforcement*. Preżentament ninsab stazzjonat fl-Għassa tal-Belt Valletta.

Wara li kont diġà membru fl-Eżekuttiv fl-Assoċjazzjoni tal-Pulizija bejn is-snin 2000 u 2002, fejn konna bdejna nagħmlu pressjoni fuq l-Awtoritajiet sabiex l-Assoċjazzjoni ssir *Union*, ħassejt li wara l-emen-

INTENIONALLY
LEFT BLANK

di fil-liġijiet li jippermettu li nsiru *union*, kelli għal darb'oħra nippreżenta ruħi u nikkontesta l-elezzjonijiet għall-Eżekuttiv.
Wara li kont elett, u hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil kull min wera l-fiduċja tiegħu fija, inħoss li issa hu ż-żmien opportun sabiex iżjed minn qatt qabel, flimkien mal-membri kollha tal-Eżekuttiv inkomplu naħdmu b'enerġija qawwija sabiex intejbu u nsaħħu dak kollu li jikkonċernana bħala membri ta' Korp Dixxiplinat, fosthom il-kundizzjonijiet tagħna u l-ambjent fejn ilkoll naħdmu.



Jisimni **Jerry Attard** u għandi 49 sena. Bħalissa stazzjonat fl-*Administrive Law Enforcement*.
Ikkontestajt għax din hi opportunità oħra fejn issa aħna l-pulizija nistgħu nissieħbu f'*unions* u nemmen bi sfidi ġodda u għax inħobb il-pulizija.

L-iskopijiet tiegħi huma diversi, fosthom biex intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll importanti biex inkunu nistgħu nagħtu servizz aħjar lill-poplu u nara lill-membri kburin li huma pulizija.



Jisimni **Sandro C. Mallia** u għandi 42 sena. Ili fil-Korp tal-Pulizija għal dawn l-aħħar 19-il sena u nofs, 11-il sena minnhom fir-rank ta' surġent u bħalissa stazzjonat id-Distrett Numru 3, fl-Għassa tal-Fgura.

B'dawn is-snin ta' servizz warajja fejn ħdimt fi Skwadra Speċjalizzata, Uffiċċji u wkoll fid-distrett, ħassejt li għandi nagħti sehmi f'din il-*Union* biex inkunu nistgħu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna, kemm għal dawk li qegħdin bħalissa fil-Korp, kif ukoll dawk li għad iridu jingħaqdu magħna.

Nemmen li b'din l-inizjattiva u b'dedikazzjoni, filwaqt li naħdmu lkoll flimkien, nistgħu naslu għal dan l-iskop.



**Gordon Borg**, għandi 39 sena u stazzjonat *Lock-Up*.
Ikkontestajt dawn l-elezzjonijiet għax bħal ħafna minnkom, matul dawn l-aħħar 20 sena fil-Korp tal-Pulizija, jien personalment esperjenzajt inġustizzji fil-post tax-xogħol. Barra minn hekk nemmen 'fil-bidla' u qatt ma ddejjaqt nesprimi l-opinjonijiet u s-suġġerimenti tiegħi bil-miktub meta kien hemm bżonn, bit-tama li l-kundizzjonijiet u l-proċeduri tax-xogħol jinbidlu għall-aħjar. Nisma' ħafna tgergir u xi wħud li jesprimu l-frustrazzjonijiet tagħhom, iżda xorta waħda ħafna minna jħossuhom skomdi jpoġġu l-ideat tagħhom bil-miktub minħabba biża' jew għax jemmnu li mhux se jiġu mismugħa.

Hemm ħafna xogħol xi jsir, iżda bil-paċenzja u l-ħidma tal-membri tal-Kumitat u l-appoġġ tagħkom nemmen li nistgħu naslu. Iżda qabel kull proċess ta' ristrutturazzjoni, għandu jsir analiżi professjonali tar-riżorsi, finanzi u kapaċitajiet preżenti. Il-bidla ma ssirx mil-lejl għal nhar iżda titlob paċenzja, determinazzjoni u nies li jaħdmu u jistinkaw. Madankollu aħna flimkien mal-membri tagħna nistgħu nrawmu idea ta' innovazzjoni.

Kull wieħed u waħda minna hu parti integrali mill-Korp tal-Pulizija u dan ix-xogħol jirrikjedi li naqdu d-dmirijiet tagħna lejn is-soċjetà bl-aktar mod ġust u professjonali u b'determinazzjoni sħiħa. Hu importanti li wieħed jiftakar li aħna ukoll niffurmaw parti minn din is-soċjetà u għalhekk id-drittijiet tagħna bħala impjegati għandhom jiġu mħarsin skont kif titlob il-liġi.

L-uffiċjali tal-Korp, il-Gvern tal-ġurnata u r-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-*union*, għandhom jidħlu f'diskussjonijiet paċifiċi sabiex tinħoloq relazzjoni b'saħħitha bl-iskop li l-ilmenti tagħkom jiġu mressqa għad-diskussjoni bl-iskop li jitwettqu.

L-intenzjoni tiegħi hi li naħdem fl-aħjar interess tal-ħaddiema kollha fi ħdan il-Korp tal-Pulizija waqt li fl-istess ħin inkunu qegħdin intejbu s-servizz tagħna lejn il-pubbliku. Għal dan l-iskop ser inkun qiegħed inressaq dawn il-proposti għad-diskussjoni u għalhekk

napprezza l-opinjonijiet u l-ideat tagħkom għal dan ir-rigward:

• Kundizzjonijiet tax-xogħol (jinkludu ħinijiet; *shifts*; *extra duty*; sahra; *vacation leave*; *special leave*, s*tudy leave* eċċ);
• Proċeduri ta' Tmexxija (SOP) – li jkun hawn uniformità fil-Korp fejn jidħlu proċeduri;
• *Policy* rigward transferimenti u promozzjonijiet;
• *Policy* fuq diskriminazzjoni;
• *Family friendly measures* - jinkludu *Flexi hours*; *computation of leave in hours*; l-introduzzjoni ta' ċentru ta' kura għat-tfal;
• L-Uniformi;
• Xogħol u taħriġ – *introducing a national curriculum*;
• *Change Management – implementation of business management tools for effective policing and better management of resources – relieving non-core police duties and so forth.*



**Tania Azzopardi**. Xebba ta' 47 sena. Noqgħod Ħ'Attard Stazzjonata *S.B Immigartion.* Ili fil-Korp għaxar snin.

Għall-ewwel kont qed ngħin volontarjament, iżda wara ftit taż-żmien bdejt ninteressa ruħi iktar fid-dettall u bdejt niġi aġġornata fuq l-MPA dwar kemm ħadmet biex it-talbiet li għamlet jiġu milqugħa.

Hemm indunajt u ħassejt li għandi nkun parti mit-tim biex inkomplu naħdmu ħalli ntejbu l-kundizzjonijiet tagħna l-pulizija.

L-iskop tiegħi hu li nagħti servizz u naħdmu aktar sabiex niksbu dak li ħaqqna.

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Ħarsa lejn l-Attivitajiet Sportivi

## L-Atleta andrew grech membru tal-Korp tal-Pulizija

Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija, b'unur, ħass, bħalma kien diġà għamel f'okkażjonijiet oħra passati, jiddedika parti mill-paġna sportiva tiegħu lill-atleta prolifiku PC 376 Andrew Grech, stazzjonat l-Għassa ta' Tas-Sliema.

Bla dubju, wieħed irid jagħti rikonoxximent tal-ħiliet li għandu dan il-membru tal-Korp tal-Pulizija, li b'determinazzjoni u sagrifiċċji wasal biex il-ħolma tiegħu ssir realtà. Għalhekk, il-kumitat talab lil PC 376 Andrew Grech biex jirrakkonta l-mixja ta' suċċess tiegħu, fejn hu stqarr hekk:

"Wara li fl-edizzjonijiet tas-snin 2012, 2013 u 2014 tal-*Malta Full Marathon* dejjem spiċċajt fit-tieni post, kien imperattiv li għall-edizzjoni tas-sena 2015 inqassamha tajjeb u nkisser dan it-tabù billi nidħol l-ewwel Malti.
Ma kinitx faċli u kien jeħtieġ sagrifiċċji u pjan. Kelli tħejjija tajba ħafna dan l-istaġun fejn irbaħt it-tlielaq kollha li ħadt sehem fihom. Kelli żewġ *training camps*, l-ewwel wieħed f'*Papendal*, fl-Olanda f'Novembru 2014, fejn bl-għajnuna tal-kowċ tiegħi Has Kesra kellna aċċess fin-*National Sports Centre* u għamilna testijiet siewja fejn ħarġu riżultati tajbin ħafna rigward il-potenzjal tiegħi fl-atletika.

Fil-bidu ta' Frar 2015, bl-għajnuna tal-*Malta Olympic Committee* kelli *training camp* ieħor flimkien ma' grupp ta' atleti oħra tal-*middle* u *long distance* f'*Font Romeu*, fi Franza li jinsab kważi elfejn (2,000) metru 'l fuq mill-art. Hemmhekk stajna nitħarġu darbtejn kuljum, kemm fuq it-*track*, fuq il-muntanji kif ukoll fl-istess kumpless sportiv, dejjem skont il-programm tal-ġurnata.

F'jum il-*Malta Full Marathon*, il-Ħadd 22 ta' Frar 2015, it-temp ma tantx kien ideali biex wieħed jirreġistra ħin tajjeb. Għaldaqstant, flimkien mal-kowċ tiegħi iddeċidejna li mmorru għal tattika b'iktar kawtela, u nżid il-pass lejn l-aħħar tat-tellieqa. Tista' tgħid li għamilt il-maġġoranza tal-ħin mal-atleta Malti l-ieħor Jonathan Balzan. Kien fis-37 km li ddeċidejt li nagħmel l-attakk deċiżiv, li bqajt bih sal-aħħar tal-maratona fejn dħalt l-ewwel Malti f'ħin ta' sagħtejn, tnejn u tletin minuta u erbgħa u tletin sekonda (2:32:34).



Kienet rebħa emozzjonanti ħafna minħabba diversi fatturi, fosthom li s-sena l-oħra kont f'pożizzjoni ferm tajba, kemm biex nidħol l-ewwel Malti, kif ukoll b'ċans tajjeb li nikser ir-rekord nazzjonali, iżda spiċċajt *dehydrated* u l-ħolma tiegħi spiċċat ħesrem. L-istaġun li għadda xorta waħda kien tajjeb ħafna fejn ksirt ir-rekords personali f'kull distanza li għamilt, li huma: tat-tlett elef metru; ħames t'elef metru u għaxar t'elef metru, kif ukoll spiċċajt ksirt ir-rekord nazzjonali tan-nofs maratona f'Copenhagen, fid-Danimarka fil-*World Half Marathon Championships* b'ħin ta' siegħa, għaxar minuti u għaxar sekondi (1:10:10), u kkwalifikajt għall-*European Team Championships* fi Tbilisi.

Fir-*road running league*, staġun 2014/15 organizzat mill-MAAA li spiċċa f'April 2015, irbaħtu għall-ewwel darba fil-karriera tiegħi billi rbaħt it-tlielaq kollha.

Ir-riżultati komplew fuq l-istess nota fit-*track* tal-Marsa fejn f'Mejju 2015 fin-*National Championships* irbaħt kemm it-tellieqa tal-ħamest' elef metru kif ukoll fl-għaxart' elef metru, fejn ukoll tejjibt il-ħin tiegħi fid-distanza tal-għaxart' elef metru, u sirt *champion* Nazzjonali għall-ewwel darba. B'dan ir-riżultat miksub, ġejt magħżul għall- *European Team Championships* f'Baku, l-Azerbaijan, fejn l-avvenimenti se jsiru f'Ġunju li ġej.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-familja tiegħi, lill-klabb Mellieħa AC, kif ukoll lill-kowċ Has Kesra tal-għajnuna li dejjem sibt, lill-*Malta Olympic Committee*, lill-*Malta Amateur Athletic Association*, lill-Kumitat Malti għall-Isport, immexxi minn Mark Cutajar, lill-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar, lill-eks-Deputat Kummissarju Ray G. Zammit kif ukoll lis-Supretendent Alexandra Mamo tas-Sitt Distrett għall-appoġġ kontinwu li dejjem sibt.

Minn hawn, il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija barra li jifraħ lil PC 376 Andrew Grech għar-riżultati sbieħ li kiseb dan l-aħħar, jawgura lill-istess atleta aktar riżultati sbieħ, suċċessi u saħħa.

## Ġurnata Ta Avveniment Sportiv Organizzat Mill-Forzi Armati Ta' Malta Nhar L-4 Ta' Marzu 2015

Il-Forzi Armati ta' Malta organizzat ġurnata sportiva *Sports Day* nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2015 fil-Kulleġġ San Alwiġi, f'Birkirkara.

Għal din l-attività, il-Forzi Armati ta' Malta stiednu lid-Dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali (il-Ministeru nnifsu) sabiex jieħdu sehem f'din l-attività. L-iskop prinċipali kien li l-Forzi dixxiplinati u d-dipartimenti konċernati, jikkompettu flimkien f'ambjent sportiv. L-iskop tal-inizjattiva ma kienx biss li jinforza r-relazzjonijiet fil-ħidma ta' kuljum bejn id-dipartimenti iżda wkoll jippromwovi l-ħtieġa li wieħed iżomm ruħu fiżikament tajjeb.



Għal din l-attività, l-Onorevoli Ministru, is-Sur Carmelo Abela; il-Kmandant tal-Forzi ta' Malta; il-Brigadier Jeffrey Curmi; il-Kap tal-Protezzjoni Ċivili, is-Sur John Rizzo kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, Michael Cassar attendew għall-ftuħ tal-



Ġurnata Sportiva. L-Onorevoli Ministru Carmel Abela għamel kelmtejn tal-okkażjoni wara li saret sfilata qasira mmexxija mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta u tal-Korp tal-Pulizija, mill-membri tal-Korpi kollha li pparteċipaw f'din l-okkażjoni. Mal-wasla tal-Onorevoli Ministru u l-Kmandanti tal-Korpi rispettivi kif ukoll tal-Kummissarju tal-Pulizija, indaqq l-Innu Nazzjonali mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta flimkien mal-Banda tal-Korp tal-Pulizija.

Sabiex din il-ġurnata tkun waħda sportiva, attraenti u kompettitiva, id-dixxiplini sportivi kienu maqsuma fit-tliet (3) gruppi prinċipali, jiġifieri sezzjoni 'rġiel, sezzjoni nisa, u persuni 'l fuq minn ħamsa u tletin sena (35) sena.

Id-dixxiplini sportivi li għalihom ipparteċipaw il-Membri tal-Korpi rispettivi kienu:

*8 and 5 a side soccer tournament; track events (100m/400m/1500m/400m relay); Billiard; Basketball; Volleyball; Darts; Table Tennis; Chess; Tug of War; u Martial Arts (Boxing).*

Il-Forzi Armati ta' Malta, ipparteċipaw b'numru sabiħ ta' parteċipanti fid-dixxiplini kollha sportivi.



Min-naħa tal-Pulizija, il-parteċipazzjoni ma kinitx waħda kbira iżda dawk kollha li pparteċipaw kienu ferm determinati u motivati fid-dixxiplini rispettivi. Minn hawnhekk, il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija jieħu l-opportunità li jirringrazzja lil dawk il-membri kollha li ħadu sehem u jinkoraġġixxi lill-membri oħra tal-Korp tal-Pulizija sabiex f'attivitajiet sportivi oħra fil-futur ikunu parteċipanti wkoll.



Mhux l-inqas, il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija jieħu l-opportunità li jirringrazzja lil PC 121 Josef Vassallo li tant ħadem sabiex din l-attività tkun suċċess.

Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija jirringrazzja lill-Forzi Armati ta' Malta tal-inizjattiva u l-organizzazzjoni tal-ġurnata sportiva, li mhux biss ressqet lill-Korpi dixxiplinati flimkien iżda wkoll kienet attività fejn kull parteċipant kellu l-opportunità jiċċaqlaq u juri t-talent sportiv fid-dixxiplina rispettiva.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar tal-kooperazzjoni u assistenza kontinwa sabiex id-dixxiplini sportivi jkunu iżjed imħeġġa mill-membri tal-Korp tal-Pulizija.

mpsc.police@gov.mt

# INTENIONALLY LEFT BLANK

# Apprezzament mhux tas-soltu

Fil-25 ta' Jannar 2014, il-Pulizija rċeviet rapport mingħand raġel ta' nazzjonalità Norveġiża li safa vittma ta' serq. Hu kellu jott u minnu nsterqulu diversi oġġetti li l-valur tagħhom kien ta' €2,300. Il-pulizija tad-distrett immexxija mill-Ispettur Robert Said Sarreo flimkien mal-pulizija tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali mmexxija mill-Ispettur Carlos Cordina, solvew dan il-każ, instabu l-oġġetti misruqa u ġiet imressqa persuna l-Qorti. Dan il-vittma kien l-awtur magħruf bħala *Maximus Mucho*, li fl-aħħar ktieb tiegħu wera l-apprezzament lejn il-ħidma li wettqu l-membri tal-Korp tal-Pulizija. Dan l-awtur ipprovdielna kopja tal-apprezzament tiegħu fil-ktieb, kif ser taraw fir-ritratti.




ACKNOWLEDGMENTS

To the Criminal Investigations Department, Floriana, Malta.

The author would like to send a special thanks to the following guys:

Inspector Carlos Cordina

Police Sergeant 90 Jeffrey Gerada

Police Constable 1303 Brian Micallef

Police Constable 327 Sean Pace

Also to:

Inspector Robert Said Sarreo of Zabbar Police Station.

I am truly grateful for your excellent work with harvesting and boiling the Potato.

Also, I am confident in every way that the Criminal Investigations Department in Floriana, having you guys on the force, would easily have handled a couple of gene modified bees on the loose and a potential following zombee invasion.

Sincerely

Maximus Mucho

A fan

magazine.police@gov.mt

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# Eloi', Eloi, lema sabaqtani! Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni

mis-Supretendent Raymond Vella Gregory

Din il-karba li qal Kristu fuq is-salib min jaf kemm għidnieha aħna jew ġietna f'moħħna meta nħossu li kollox qed jikkrolla fuqna. Meta l-ħalel tal-baħar ikunu jridu jibilgħu l-blat u r-riħ qalil ikun jrid jaqla' s-siġar mill-għeruq tagħhom. Meta nkunu għajjenin minn xi hemm jew inkunu tlifna lil xi ħadd għażiż għalina. Inħossuna weħidna, abbandunati minn kulħadd u emarġinati. Iżda żgur li mhux hekk. Inħarsu sewwa lejn il-Kurċifiss Imqaddes. Imbiċċer u muġugħ iżda rassenjat. Dan kollu għalina u għas-salvazzjoni tagħna. Qabel miet ħallielna s-sagrament tal-Ewkaristija sabiex ikun l-ikel tagħna fid-deżert ta' ħajjitna għax bħalma kiteb San Pawl; li aħna pajżana tas-sema pajjiżna.

Għalhekk filwaqt li naqsam magħkom l-uġigħ u d-dwejjaq li għaddejjin minnu bħalissa, inħeġġiġkom biex ma' taqtgħux qalbkom mill-ħniena kbira tal-Mulej u nibqgħu nitolbu għax żgur li t-talb u l-karba tagħna qed jaslu għand il-Mulej, ir-ragħaj it-tajjeb li jieħu ħsieb lill-merħla tiegħu.

Inħallikom b'dak li kitbet Madre Tereza "*I asked Jesus how much he loves me and he opened his arms and died on the cross*"

magazine.police@gov.mt



**O KURĊIFISS IMQADDES**

O Kurċifiss ta' qalbi
Qatt ma nixba' nħares lejk
Int tisma' dejjem talbi
Biex twennisni tajtni jdejk.

O Kurċifiss kenn tiegħi
Ħallini nimxi wrajk
Ħarisni w ieqaf miegħi
Biex taħfirli ftaħt dirgħajk.

O Kurċifiss imbiċċer
B' ta' ruħi il-ħtijiet
Tħallini qatt nitkisser
Bil-kruha tad-dnubiet.

O Kurċifiss, b'kefrija
Fil-għatx il-mirra sqewk
Biss Inti ħfirt kull ħtija
Ta' dawk illi fittxewk.

O Kurċifiss li b'demmek
Ħsilt ruħna minn kull dnub
Għinna ngħixu kelmtek
U idħol f'tagħna l-qlub.

Kennini fid-dell tiegħek
Biex lejk inħares fiss
Ħa nkun fil-glorja miegħek
O Mqaddes Kurċifiss.

*Raymond Vella Gregory*
*27 ta' Marzu 2010*

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK

# International Police Association - Malta Section

Neville Mercieca - President

Għeżież membri u ħbieb,

Matul l-aħħar ġimgħat, il-Kumitat Eżekuttiv kien impenjat bil-preparamenti għall-*IPA Malta 2nd International Pistol Shooting Competition* li saret bejn it-23 u s-27 t'April 2015 f'Ta' Kandja.
Fostna kien hawn kompetituri mill-IPA Kenja, IPA Polonja u IPA Awstrija. Ma' dawn kellna tim li rrappreżenta lill-membri Maltin u tim ieħor lill-membri Għawdxin. Kienu erbat ijiem impenjattivi ferm u apparti din il-kompetizzjoni, kellna ukoll programm għall-viżitaturi li ġew mal-kompetituri. Il-programm kien varjat u estensiv sabiex kemm jista' jkun nuruhom il-ġmiel li għandna f'pajjiżna.

Il-membri tal-IPA Kenja tista' tgħid li kaxxkru kull premju. Dawn urew professjonalità u taħriġ kbir. Din kienet esperjenza sabiħa għalina.

Fis-26 t'April 2015 saret ikla fejn ġew ippreżentati l-premijiet fil-lukanda *The Victoria*, Tas-Sliema, fejn ukoll attendew numru sabiħ ta' membri u għal darb'oħra konna *fully booked*.



IPA Malta tixtieq tirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulzija talli tana l-fakultà li nużaw il-faċilitajiet f'Ta' Kandja, kif ukoll lill-Assistent Kummissarju responsabbli. Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lill-*Malta Tourism Authority*, NEA – *North Eastern Arms, ALF-SONS* enterprises, *Tower Supermarket, Gold Lady Jewellers, QUANTUM* u *Tutto Sport* għall-għajnuna tagħhom. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li fil-kwiet, għenuna sabiex dan l-avveniment internazzjonali kien suċċess.

## Ġita fi Sqallija

Nhar is-Sibt 16 ta' Mejju 2015, organizzajna ġita fi Sqallija fejn żorna Vittorja, Ibleo, Modica u ikla f'Agriturismo. Għal din il-ġita attendew 33 membru tal-IPA Malta, numru sabiħ ħafna. Qegħdin nippjanaw sabiex nagħmlu ġita simili fix-xahar ta' Awwissu.



## IPA Savona

Il-President u Segretarju Ġenerali tal-IPA Savona (Italja) flimkien ma' xi membri oħra għamlu waqfa f'Malta waqt *cruise* fil-mediterran. Il-President Nazzjonali laqa' lil dawn il-kollegi f'Malta u ħadhom ġita fil-Belt Valletta. Il-waqfa tagħhom ma kinitx twila u ma kienx hemm il-possibbiltà li dawn jittieħdu d-depot, iżda huma wegħduna li se jerġgħu jiġu Malta.



## Awguri

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Pulizija 2015, f'ismi u f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nawgura lill-membri u lill-Korp tal-Pulizija u nirringrazzja lilkom tas-servizz li tatu ta' kuljum sabiex is-soċjetà tagħna tkun protetta.

ipamalta@gmail.com

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija



INTENIONALLY
LEFT BLANK

Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Teżorier (M.A.R.P.O.)

# Mill-Kunsill

Fil-laqgħa tal-Kunsill tas-17 ta' Marzu, 2015, konna ddiskutejna primarjament is-sentenza tal-kawża kostituzzjonali, li kellna fit-12 ta' Marzu 2015 fejn tlifna l-kawża. Iddiskutejna bejnietna dwar jekk kellniex nappellaw mis-sentenza.

L-opinjoni kienet waħda unanima li nappellaw iżda ddeċidejna li jkun aħjar li nsejħu laqgħa ġenerali straordinarja, propju dwar is-sentenza biex tittieħed deċiżjoni dwar jekk nappellawx jew le.

# Laqgħa Ġenerali Straordinarja

Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja saret il-Ħadd 29 ta' Marzu 2015 fl-9.45a.m. li għaliha attenda numru kbir ta' membri. Għal din il-laqgħa l-Kunsill stieden lill-Avukat Adrian Delia sabiex jispjega s-sentenza li kellna kif ukoll jirrispondi għad-domandi tal-membri. Attenda ukoll għall-laqgħa s-Sur Nikol Cutajar.



F'atmosfera ta' attenzjoni kif ukoll diskussjoni, il-membri semgħu lill-Avukat jinterpreta s-sentenza u tana ukoll ir-raġunijiet u l-bażi legali għaliex nistgħu nappellaw. Is-Sur Nikol Cutajar indirizza ukoll lil dawk preżenti, fejn kompla jisħaq dwar ir-raġunijiet li għalihom nistgħu nappellaw. Kien hemm bosta li għamlu l-mistoqsijiet tagħhom u l-Avukat irrispondihom sodisfaċentement.

Fl-aħħar tal-laqgħa, is-Segretarju talab lil dawk preżenti l-femha tagħhom dwar l-appell u b'mod unanimu ddikjaraw li għandna nappellaw.

Il-Kunsill talab lill-Avukat sabiex jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa biex isir l-Appell, liema Appell fil-fatt ġie reġistrat.



Nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju, 2015 instema' għall-ewwel darba l-Appell Kostituzzjonali quddiem il-Prim Imħallef Silvio Camilleri u l-Imħallfin Noel Cuschieri u Gianninu Caruana Demajo.

L-Appell ġie differit għat-trattazzjoni fis-6 ta' Lulju, 2015 fil-11.30a.m. Aktar 'il quddiem inżommukom infurmati bl-andament tal-appell.

Ray Zammit - Segretarju

# Ħarġa għall-Għawdex.

Il-Ġimgħa 1 ta' Mejju ġiet organizzata ħarġa għall-Għawdex. Dawn il-ħarġiet huma popolari ħafna mall-membri tal-Għaqda.

Għal din il-ħarġa attendew numru sabiħ ta' membri u mistiednin. Tlaqna mal-vapur tad-disa' ta' filgħodu. Mal-wasla Għawdex sibna l-*coach* tistennina. Minn hemm morna għall-ħin liberu fir-Rabat.

Saret żjara fil-Winery ta' Manqa u għas-1.00pm morna nieklu . Wara l-ikel morna d-Dwejra u Marsalforn għal ftit ħin liberu. Ġejna lura mal-vapur tas-sitta.





# Mill-Imgħoddi

**Din id-darba għandna ritratt sabiħ ħafna tal-Kummissarju l-Logutenent Kurunell Henry Bamford OBE, uffiċjali tal-Korp kif ukoll il-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja Alfred Caruana Gatto.**

Il-Kummissarju Bamford serva bejn 1919-1922. Ta' min jinnota li dan qatt ma liebes uniformi tal-Pulizija, iżda baqa' jilbes dik tal-militar!



Ta' min jinnota ukoll, li fost l-uffiċjali li hemm fir-ritratt, tlieta minnhom kienu laħqu Kummissarji. Qed nirreferi għal Antonio Busuttil, Joseph Ullo u Joseph Axisa.

INTENIONALLY
LEFT BLANK



Ex PC 814 Peter Micallef
1927 – 2015
1951 – 1977



Ex PC 516 Emmanuel Mercieca
1930 – 2015
1952 – 1981



Ex PC 627 Salvatore Mintoff
1927 – 2015
1954 – 1981



Ex PC 930 Michael Mercieca
1931 – 2015
1953 – 1978
(Gozo)



Ex PS 329 Leonardo Busuttil
1941 – 2015
1963 - 1991



Ex PC 365 Emmanuel Gauci
1940 – 2015
1961 - 2000



PC 787 Nevile Bajada
1979 – 2015
2002 – 2015
(Serving Member - Gozo)

INTENIONALLY
LEFT BLANK

INTENIONALLY
LEFT BLANK